- **Dak li tiżra' taħsad:** *inti jkollok ir-riżultat skond dak li tagħmel.*

- **Ħażin jagħmel min jimxi ħafi bil-lejl:** *meta jkun hemm perikli li ma nafux bihom, ma nagħmlux ħażin meta nieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa.*

- **Min jitkaża jaqa' fil-każa:** *min jixxokkja ruħu bl-iżbalji ta' ħaddieħor, hemm iċ-ċans li huwa jagħmel bħalu.*

- **Min jikriha ikollu joqgħod għaliha:** *jekk wieħed ikun aċċetta ċerti kundizzjonijiet, ikollu joqgħod għalihom, anke jekk dawn jinzertaw li jkunu iebsa.*

- **Min jiekol il-laħam jeħtieġlu jqaxqax l-għadma:** *wieħed irid jieħu kemm il-vantaġġi kif ukoll l-iżvantaġġi tal-ħaġa.*

- **Min jara moħħu jbati ġismu:** *min għandu moħħu jiżbalja jkollu jbati ġismu miegħu.*

- **Min jagħmel jaħmel, jgħid it-Tork:** *min jagħmel xi ħaġa ħażina jkollu jbati l-konsegwenzi tagħha.*

- **Ħalli l-ħuta tinqela b'żejtha:** *ħalli lil min jipprova jagħmillek il-ħsara jbati hu stess il-ħsara li jkun għamel.*
- **Għal kull qoffa hemm miżblitha:** *illum jew għada kulħadd ikollu jħallas ta' dak li jkun għamel.*

**NOTA:** Dawn il-qwiel u l-idjomi ittieħdu mill-ktieb ***Ja Ġirieni*** miktub minn Tarċisio Zarb.



# KLIEM IX-XIĦ

Ġabra ta' Idjomi u Qwiel
Għat-Tielet Klassi tas-Sekondarja

## IDJOMI DWAR L-ANNIMALI...

### ANNIMAL:

- **Jgħix ta' annimal:** *jgħix ta' għalih waħdu mingħajr għajnuna ta' ħadd u ta' xejn, ħafna drabi fil-ħmieġ.*
- **Ħajja ta' annimal:** *tingħad għal min hu maħqur, jitħabar u jbati qisu lsir, li m'għandu mistrieħ xejn.*



### BAQRA:

- **Sar qisu baqra:** *ħxien ħafna.*

### BULDOKK:

- **Qisu buldokk:** *tingħad għal min għandu ħarsa qalila u li jaħtaf il-kliem u jgħajjat.*

### ĊAWLA:

- **Ċawla bajda:** *ħaġa jew bniedem li rari tarah.*
- **Qisek ċawla:** *tingħad lil min għandu lsienu jtaqtaq u jgħid bla heda, ġeneralment bla tifsir ċar.*



### DUBBIEN:

- **Qisu d-dubbien t'Għawdex:** *fitt, tant li jekk tkeċċih jerġa' jiġi jittanta.*
- **Jara n-nies dubbien:** *imkabbar tant li lin-nies ma jqishom xejn.*



- **Agħtini xortija u itfagħni (ixħitni) l-baħar:** *jekk wieħed ikollu xortih tajba, anke jekk jaqa' l-baħar, għid li mhux se jmur ħażin u jegħreq.*
- **Mhux dejjem tiġi żewġ:** *waqtiet ix-xorti mhux dejjem tgħin lil dak li jkun.*
- **La tkun fiż-żifna jkollok tiżfen:** *meta tkun involut f'xi ħaġa jkollok taffaċċjaha u mhux taħrab mill-konsegwenzi tagħha.*

## QWIEL dwar IL-KASTIG U R-RIKUMPENS

- **Fejn kilt il-qanneb mur bidu:** *irridu jew ma rridux, ikollna nbatu l-konsegwenzi ta' dak li nagħmlu.*
- **Min jeħbel biċ-ċajt, jiled ir-riħ:** *tistenniex xi għerf kbir minn min ikun mhux daqstant tal-iskola.*
- **It-talb iġib il-barka u d-dagħa jġib is-saħta:** *it-talb hu xi ħaġa li ġġiblek ir-riżq filwaqt li d-dagħa ħlief ħsara ma jagħmillekx.*
- **Kull għuda għandha d-duħħan tagħha:** *kull wieħed u kull waħda minna għandu d-difetti tiegħu. Għalhekk ma nagħmlux ħażin jekk nippruvaw naħfru 'l xulxin.*
- **Alla ma jħallasx bin-nhar ta' Sibt:** *hemm ċans li Alla jdum ma jwettaq ġustizzja, iżda dan ma jfissirx li l-ġustizzja ma tasalx. Ir-referenza għal kull nhar ta' Sibt, hawnhekk qiegħda għall-fatt li sa ftit taż-żmien ilu l-paga kienet tingħata kull nhar ta' Sibt.*

- **Daqqa tmissek l-għadma u daqqa oħra l-laħma:** *mhux dejjem se tiġik tajba u kif tridha.*

- **Il-forka għall-iżvinturat:** *ħafna drabi l-ġustizzja ssir ma' min ikun xortih ħażina. Il-forka kienet tintuża biex jinqatlu dawk li tinqatgħalhom għall-mewt.*

- **Issa li hemm hemm:** *din tingħad meta wieħed ma jkun jista' jagħmel xejn għax il-ħaġa tkun diġà saret fatta.*

- **Taqla' fuq wiċċek u tkanta vittorja:** *tingħad għal min jagħmlulu l-ħsara u peress li jkun baħnan u injorant jifraħ.*

- **Il-Għarbi jgħid: il-miktub mhux maħrub:** *meta tagħmel xi ftehim ma' xi ħadd ma tagħmilx ħażin li dan tagħmlu bil-miktub.*

- **Kieku kelli nbigħ il-kpiepel in-nies kienu jitwieldu bla rjus:** *min ikun xortih ħażina għid li se jmur ħażin f'kull ħaġa li jagħmel.*

- **Min għandu jmut bil-forka (imgħallaq, jew bil-pesta) m'hemmx barrakka għalih:** *ħadd ma jista' jaħrab id-destin tiegħu.*

- **Dejjem tinbet is-silla, iżda mhux dejjem il-ħmar jirgħa minnha:** *wieħed mhux dejjem jieħu l-benefiċċji ta' xogħlu.*



## DUDA:

- **Daħlitilna d-duda:** *għandna min qed jisraqna baxx baxx.*

## GĦASFUR:

- **Qisu għasfur:** *tingħad għal min ikun ħafif u fuq ruħu.*

- **Tar l-għasfur:** *iċ-ċans li jsir xi ħaġa ntilef.*

- **Miet bħal għasfur:** *tingħad għal min imut f'daqqa mingħajr ma jħallik tinduna li se jmut.*

## ĦMAR:



- **Ibati b'tal-ħmar:** *jieħu għalih malajr u mix-xejn.*

- **Ħmar tiela' l-arblu:** *tingħad għal xi ħadd li jkun irid jagħmel xi ħaġa kbira meta hu mdorri ma jagħmel xejn.*

- **Ħmar imgħobbi ma jħossx xejn:** *tingħad b'ċajta bejn it-tfal meta xi wieħed minnhom ikollu xi ħaġa mwaħħla ma' dahru mingħajr ma jinduna biha.*

- **Jekk mhux ħmar felu!:** *tingħad lil min ma jkunx qata' mill-ewwel bejn żewġ ħwejjeġ, li jsaqsuh dwarhom għax jekk ma tkunx waħda bilfors se tkun l-oħra.*

- **Il-ħmar jikkmanda 'l denbu:** *tingħad għal min jikkmanda lil ta' taħtu biex jagħmel xi ħaġa li jkunu qabbduh biex jagħmilha hu.*

- **Miet xi ħmar:** *tingħad meta jiġri xi ħaġa mhux mistennija minn xi wieħed li ma jkunx imdorri jagħmel hekk.*

- **Widnejn ta' ħmar:** *tingħad għal min għandu widnejn twal jew kbar.*

- **Il-ħmar tiegħi u nirkeb wara:** *tingħad meta wieħed jara lil ħaddieħor jinqeda qablu f'dak li hu ħwejġu.*



- **Urieh id-debba u qabbiżlu l-ħmara:** *urieh ħaġa u mbagħad tah oħra agħar!*

- **Miexi bil-pass ta' ħmar qammies:** *miexi aktar lura milli 'l quddiem.*

### ĦUT

- **Ġietu z-zalza ogħla mill-ħut:** *nefaq aktar biex mar jixtri milli ħallas ta' li xtara!*

- **Ħuta barra mill-ilma:** *tingħad għal min iħoss ruħu (fejn ikun) barra mill-qatgħa tiegħu, mhux fl-ambjent li jħobb.*



### FANFRU

- **Fanfru:** *tingħad għal wieħed li jħobb jiddandan u jiftaħar bih innifsu.*

### KELB

- **Donnok kelb tal-basal:** *tingħad lil min mill-ikel li jkun hemm ma jiħux, iżda lanqas iħalli lil min jieklu.*





- **Kiellu wiċċu:** *għamel għalih jew ħadha miegħu bl-ikrah.*

- **Wera wiċċ b'ieħor:** *wera ruħu mhux b'dak li kien tassew.*

- **Wiċċu għad-dawl:** *ferħan jew kuntent; li ma jidher jonqsu xejn.*

### ŻAQQ



- **Żaqqu mimlija bi:** *ferħan b'xi ħaġa; għalih għandu xi ħaġa kbira.*

- **Ta' żaqqu f'fommu:** sbukkat; dak li jħoss jgħidu.

### QWIEL dwar IX-XORTI U L-FIDI

- **Aħjar weġġgħa minn demgħa:** *ħafna drabi jkun aħjar li nbatu ftit milli ma nbatu xejn. Imbagħad bħala konsegwenza ta' hekk immorru agħar.*

- **Alla biss jaf x'inhu ġej:** *Alla biss jaf x'se jiġri fil-futur tagħna.*

- **Il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi:** *huwa Alla li fl-aħħar mill-aħħar imexxi kollox. Dan minkejja li l-bniedem jista' jkollu l-pjanijiet tiegħu.*

- **Alla (il-Bambin) jtik ħaġa u jeħodlok oħra:** *mhux kulħadd għandu l-istess doni.*

- **Nieħdu kollox minn idejn Alla:** *min jemmen għandu jirrassenja ruħu għal dak li jibgħat jew jippermetti Alla.*

## SIEQ

- **Siequ fil-ħofra:** *għandu ż-żmien u wasal biex imut.*
- **Ta bis-sieq lil xi ħadd:** *ma stamax lil dak li jkun kif suppost.*
- **Tah daqqa ta' sieq:** *keċċieh 'il barra.*
- **Ġibidlu siequ:** *għaddieh biż-żmien.*
- **Qabadha minn sieqha:** *fehimha bil-kontra.*
- **Xeħitha għal sieqha:** *wieġeb bl-addoċċ mingħajr ma qagħad jagħti każ jekk hix tajba jew ħażina.*

## WIĊĊ

- **Wiċċ irqiq:** *bla kuraġġ partikolari.*
- **Wiċċ tost:** *min ma jistħix iżżejjed.*
- **B'wiċċ il-ġid:** *bis-sewwa kollu.*
- **Wiċċ imb wiċċ:** *f'wiċċ xulxin.*
- **Ta' wiċċ lil:** *wera ħbiberija żejda.*
- **Waqqa' wiċċu fl-art:** *staħa ħafna.*
- **Fuq wiċċ l-idejn:** *wieħed li jkun stmat.*
- **Daħk fil-wiċċ:** *ingann sfaċċat; disprezz.*



- **Kelb għalih innifsu:** *ma jaħfirha lanqas lilu nnifsu; ma jħennx.*
- **Kelb għax-xogħol:** *dejjem sejjer minn xogħol għal ieħor.*

## NAGĦĠA

- **Qisu nagħġa:** *jingħad għal min hu kwiet u joqgħod għalkollox.*
- **Nagħġa mitlufa:** *jingħad għal min joħroġ mit-triq it-tajba speċjalment dik tar-ruħ.*



## ORS

- **Jilgħab tal-ors:** *jilgħabha li ma jafx filwaqt li jkun jaf.*

## PAPPAGALL

- **Pappagall:** *tingħad għal wieħed li jlablab, ġeneralment jirrepeti kuljum jisma' bla ma jaf xi jfisser jew xi jkun jgħid.*



## PAPRU

- **Papru:** *tingħad għal wieħed li huwa injorant u m'għandux ħila jimxi sewwa, aħseb u ara jitħaddet.*

## QATTUS

- **Qishom kelb u qattus:** *tingħad għal tnejn li, kif jaraw lil xulxin jibdew jiġġieldu.*
- **Jinħasel qisu qattus:** *tingħad għal wieħed li jkun għażżien li donnu jibża' mill-ilma u jaħsel wiċċu b'id waħda.*

## SERDUK

- **Qam mas-serduk:** *bakkar, jiġifieri qam kmieni.*

- **Ta' serduk irid dundjan:** *meta wieħed irid jitħallas iktar milli ħaqqu.*

## TIĠIEĠ

- **Jorqod mat-tiġieġ:** *jingħad għal min iħobb jorqod kmieni, hekk kif jibda jbexbex id-dlam.*

- **Bin it-tiġieġa l-bajda:** *tingħad għal min jilgħabha ta' wieħed li jistħoqqlu jkun preferut fost oħrajn.*

- **Ikeċċi t-tiġieġ:** jingħad għal min joħroġ idur b'bastun f'idu, bla ma jkun jeħtieġu biex jgħinu jimxi.

## IDJOMI DWAR IL-PARTIJIET TAL-ĠISEM



## ĠISEM

- **B'ruħu u ġismu:** *bil-ħila tiegħu kollha.*

- **Ġismu qam xewk xewk:** *ħa qatgħa jew beża' ħafna.*

- **Bla kwiet f'ġismu:** *ma għandu kwiet imkien.*

- **Ma riedx ikun xagħra f'ġismu:** *ma ried iħoss xejn minn dak li kien qiegħed iħoss ħaddieħor.*

- **Ġismu tqil:** *min idum ma jagħmel ħaġa għax mhux ħafif.*



- **Ħass rasu ddur:** *storda.*



- **Telagħlu fuq rasu:** *sar jagħmel bih li jrid.*

- **Tilef rasu:** *iġġennen.*

- **Webbes rasu:** *ma ċeda bl-ebda mod.*

- **Ras imb ras:** *indaqs, daqs xulxin eż. f'tiġrija.*
- **Nofs ras:** *ma jaħsibhiex darbtejn.*

- **Ras ta' ħmar:** *injorant.*

- **Ras ta' Ingliż:** *ras iebsa li ma ddawwarha b'xejn.*

- **Ras ta' Ġermaniż:** *tingħad għal dak li ma tidħakx bih malajr.*

- **Rasu fuq għonqu:** *jingħad għal min moħħu qiegħed f'postu u jaf x'inhu jagħmel.*

- **Daħħal fellus f'rasu:** *mhux jemmen kollox, għax għandu x'jgħidlu li hemm xi ħaġa minn taħt; ġieh suspett.*

- **Demmi telagħlu f'rasu:** *saħan f'daqqa.*

- **Taqtagħlu rasu ma toħroġx qatra demm minnha:** *inħasad bl-ikrah b'xi aħbar ħażina.*

- **Sab kappell għal rasu:** *sab lil min jiqaflu.*

- **Daqskemm għandu xagħar f'rasu:** *jingħad għal min irid juri li l-ħaġa jkun hemm numru kbir minnha.*

- **Ras sħuna:** *ta' min ikun fanatiku.*
- **Ras tajba:** *ta' min ikun moħħu tajjeb u jagħtih.*
- **Ras żurżieqa:** *ta' min jinsa malajr u għalhekk idum biex jitgħallem.*
- **Qegħdin ras ma' ras:** *qegħdin daqs jew fil-livell ta' xulxin.*
- **Dabbar rasu:** *ħaseb għal rasu billi tbiegħed mill-periklu.*
- **Ġietu f'rasu:** *ftakar f'dak li kien nesa.*
- **Għamel ta' rasu:** *baqa' biex għamel kif ħasibha hu u mhux kif qallu ħaddieħor.*
- **Ħabbel rasu:** *inkwieta dwar xi ħadd jew xi ħaġa.*
- **Ħaddem rasu:** *qagħad jaħsibha sewwa kif jagħmel jew kif riedet tiġi l-ħaġa.*
- **Ħadlu minn rasu:** *sar jaf x'kellu f'moħħu billi staqsieh għadd ta' mistoqsijiet.*
- **Ħadlu rasu:** *stordieh bil-paroli u l-kliem żejjed.*
- **Ħaseb għal rasu:** *ħaseb għalih innifsu l-ewwel.*
- **Ħareġ minn rasu:** *nesa xi ħaġa li mhux suppost nesieha.*
- **Ħass rasu:** *iġġennen.*
- **Rasu marret:** *m'għadhiex f'sikkitha; qiegħed jiġġennen.*





**ID**



- **Fuq wiċċ l-idejn:** *stmat.*
- **Fetaħ idu:** *sar ġeneruż, beda jagħti minn tiegħu lil dak u lill-ieħor.*
- **Idu ħafifa:** *dak li ma jrid xejn biex jerfa' idu fuq ħaddieħor.*
- **Idu magħluqa:** *ngħiduha lil wieħed xħiħ jew dak li ma jagħtix milli jkollu malajr.*
- **Idu tieklu:** *ngħiduha lil dak li jkun lest biex isawwat u jagħti.*
- **Idu f'idu:** *bla ma ħa jew ġab xejn miegħu.*
- **B'idu l-waħda wara u bl-oħra quddiem:** *spiċċa fqir għalkollox.*
- **Imxew id f'id:** *ħadmu flimkien u qablu bejniethom.*
- **Daqqa t'id:** *għotja ta' xi għajnuna jew pjaċir.*
- **Għal id kulħadd:** *dak li hu tajjeb u li jista' jużah kulħadd.*
- **Għandu idu tal-ħadid:** *ngħiduha għal dak li jmexxi b'awtorità kbira.*
- **Bil-qasba f'idu:** *fqir għall-aħħar, ma baqagħlu xejn.*
- **Tefa' l-ġebla u ħeba idu:** *għamel il-ħażin u għamilha tabirruħu li mhux hu.*



- **Bies l-id li xtaq maqtugħa:** *wera kontra qalbu rispett lejn min ried li kieku jista' jkażbar.*

- **Ma jbillx idu fl-ilma mbierek:** *għażżien ħafna, tant li ma jagħmel xejn.*

- **Idejh fil-but:** *mhu jagħmel xejn: iħares biss.*

- **Idejh fuq żaqqu:** *ma jagħmel xejn meta messu jmidd idejh, jgħin.*

- **Idejh tal-ħelu:** *wieħed li jaf jaħdem sewwa.*

- **Idejh marbuta:** *ma jrid jagħmel xejn ġeneralment bħala protesta.*

- **Idejh miftuħa:** *li jħobb ikun ġeneruż ma' kulħadd.*

- **Idejh miżien:** *li jagħti jew iqassam bil-qies mingħajr il-ħtieġa li jiżen.*



- **Ħasel idejh:** ma riedx jew ma baqax jindaħal.
- **Medd idejh:** *indaħal hu għal dak li kellu jsir.*

- **Li jara b'għajnejh jagħmel b'idejh:** *dak li jara b'għajnejh jirnexxilu jagħmlu.*

- **Irid jara b'għajnejh u jmiss b'idejh:** *ma jemminx kif ġieb u laħaq dak li jgħidulu.*

- **Xtara l-mewt b'idejh:** *kien kollu tort tiegħu li miet.*





- **Ħadha ġo qalbu:** *raha kbira u ħassha sewwa.*

- **Messlu qalbu:** *ġagħlu jħoss.*
- **Kiellu qalbu:** *keddu daqskemm dam jgħidlu.*

- **Qal f'qalbu:** *ħass ġo fih x'kellu jgħid iżda ma lissinx kelma.*

- **Qalagħlu qalbu:** *dam żmien twil jgħidlu u jitolbu.*

- **Qaltlu qalbu:** *basar; issopona.*

- **Tah qalbu:** *tah ħaġa għażiża ferm għalih.*

- **Ma tatux qalbu li:** *ma felaħx, ma kellux ħila.*

- **Qalbu taħarqu:** *kellu ħeġġa kbira biex.*

- **Rabat qalbu ma':** *ma riedx jinfired minn dak li ħass li kien iħobb.*

- **Webbes qalbu:** *ma ried iħenn bl-ebda mod.*

- **Żamm f'qalbu:** *ma nesiex u ma ħafirx.*

- **Għal qalbu:** *hieni, kuntent u ma jonqsu xejn.*

- **Minn qalbu:** *bl-imħabba tiegħu; bi pjaċir tiegħu.*

- **Minn qiegħ qalbu:** *minn rajh; għax ried hu; bla ma ġagħlu ħadd.*

## RAS

- **Ras marbuta:** *bniedem li m'hemmx ċans li tibdillu fehmtu.*

- **Ras merfugħa:** *bniedem imkabbar.*

- **Ras imtajra:** *ta' min ikun ħsiebu f'affarijiet bla siwi, li ma jiswew għalxejn.*

- **Ras qargħa:** *ta' min ikun injorant.*

- **Qalb żgħira:** *li jħoss wisq.*
- **Qalb f'idu:** *bniedem ġeneruż u lest li jgħin.*
- **Ħabib tal-qalb:** *li jħobb u li hu maħbub ħafna.*
- **Bil-qalb:** *b'rieda tajba.*
- **Bil-qalb it-tajba:** *bla ma wieħed iġagħlu.*
- **Kiel bil-qalb:** *l-ikel għoġbu u kellu aptitu.*
- **Talab bil-qalb:** *talab bil-ħeġġa u l-ħrara.*
- **Fuq il-qalb:** *kontra x-xewqa jew ħajra; b'mod sfurzat.*
- **Qalb waħda:** *jaħsbu u jħossu xorta waħda.*
- **Qalb ta' ljun:** *qalbieni, kuraġġuż.*
- **Qalb tħabbat sitta sitta:** *imbeżża' dwar x'ġej jew x'jista' jiġri.*
- **Qtigħ il-qalb:** *nuqqas ta' tama, beżgħa, skoraġġiment.*
- **Għafsa ta' qalb:** *niket, dispjaċir kbir.*
- **Swied ta' qalb:** *dwejjaq.*
- **Taqtiq ta' qalb:** *inkwiet ħtija ta' inċertezza.*
- **Uġigħ ta' qalb:** *dwejjaq kbar.*
- **Bejjet f'qalbu lil:** *bagħdu u refagħhielu.*
- **Fetaħ qalbu ma':** *qallu x'kellu moħbi f'qalbu.*
- **Għamel f'qalbu:** *sar malinkoniku bid-dwejjaq li ħass.*
- **Għamel il-qalb:** *għamel il-kuraġġ.*



- **Laqgħu b'idejh it-tnejn:** *laqgħu b'ferħ u rispett kbir; urieh li kien ħa gost bih.*
- **Ġew fl-idejn:** *iġġieldu.*
- **Ħwejġu f'idejn in-nies:** *il-ġid tiegħu qiegħed f'idejn ħaddieħor u mhux f'idejh.*
- **Mhux ta' jdejh:** *ma jlaħħaqx daqsu.*



- **Fuq l-idejn:** *wieħed li hu stmat, maħbub u rrispettat.*
- **Kien hemm ħafna idejn:** *kien hemm ħafna nies, għalhekk kien hemm ħafna tbagħbis u taħwid.*

## GĦAJN

- **Jixtri bil-għajn:** *jixtri kif jara mhux għax jipprova minn qabel jew għax iduq.*
- **Fil-għajn:** *fejn wieħed jarah mingħajr ħabi.*
- **Ta fil-għajn:** *ġie nnutat.*
- **Minn taħt il-għajn:** *bil-ħarsa taparsi fuq ħaġa oħra, iżda qiegħed jara baxx baxx.*
- **Għandu għajnu tajba:** *jaf jara wkoll mill-bogħod jew fl-irqiq.*
- **Daqqa ta' għajn:** *ħarsa fuq fuq lejn xi ħadd jew xi ħaġa.*
- **Mad-daqqa t'għajn:** *mal-ewwel ħarsa.*
- **F'ħakka t'għajn:** *fl-iqsar żmien possibbli.*



- **Sa fejn twassal il-għajn:** *bogħod kemm wieħed jista' jibqa' jara u, b'xi mod jagħraf.*
- **Mar għal għajn xi ħadd:** *kompla miegħu mqar jekk ma qabilx f'kollox.*
- **Għajnu togħkru:** *qiegħed jissuspetta.*
- **Marret għajnu bih:** *raqad.*
- **Iftaħ għajnejk:** *oqgħod attent.*
- **Qagħad għal għajn ix-xemx:** *qagħad fejn kien jaslu r-raġġi tax-xemx.*
- **Għaddewh minn għajn il-labra:** *daħku bih.*
- **Taħt għajnu:** *qrib tiegħu sew.*
- **Għandu għajnu fuqu:** *qiegħed jieħu ħsiebu sew jew qed jinnutah mill-qrib.*
- **Mar f'ras il-għajn:** *mar għand min jaf l-aktar.*



## MOĦĦ

- **Daħħal f'moħħu:** *twebbel b'xi ħaġa.*
- **Daħħal għasfur f'moħħu:** *daħħal ħsieb f'moħħu.*
- **Ħadlu moħħu:** *stordieh.*
- **Ħabbel moħħu:** *studja, tħasseb.*
- **Ħadem b'moħħu:** *inqeda bl-għaqal tiegħu u mhux kif qalulu.*





- **Għaddielu minn moħħu:** *issopona.*
- **Ħariġlu minn moħħu:** *nesa mhux għax ried.*
- **Ħass moħħu:** *iġġennen.*
- **Ma kellux moħħ:** *ma setax jagħti kas, ħsiebu kien mgħobbi.*
- **Keċċa minn moħħu:** *tajjar il-ħsieb li ġieh.*
- **Moħħu ħafif:** *ngħiduha għal wieħed daqsxejn iblah.*
- **Moħħ il-berwieq:** *bla għaqal.*
- **Moħħu żurżieqa:** *ma jitgħallimx minkejja li tgħidlu kemm-il darba.*
- **Moħħu jagħtih:** *moħħu tajjeb.*
- **Bla moħħ:** *bla għaqal.*
- **Moħħu mxerred :** *ħsibijietu mferrxa 'l hawn u 'l hemm.*

## QALB



- **Qalb bierda:** *li ma tħossx ; ma titqanqalx.*
- **Qalb ħadra:** *li tħobb taħqar.*
- **Qalb ħanina:** *li tħoss għal ħaddieħor.*
- **Qalb iebsa:** *ta' min ma jħossx għall-muġugħ jew dak li jkun qed ibati.*
- **Qalb maqsuma:** *iddispjaċut ħafna.*
- **Qalb qawwija:** *li tittama fil-futur.*
- **Qalb sewda:** *li hija mdejqa.*